**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 2023**

**Kawża Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 433/2023 JVC**

**Anna Sergeevna sive Hanna Briffa nee' Andronchik (Karta tal-Identita' Nru. 177421L) u Christopher Briffa (Karta tal-Identita' Nru 409674M) f'isimhom proprju u għan-nom tat-tifel minuri tagħhom Finn Briffa (Karta tal-Identita' Nru. 359221L)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Anna Sergeevna sive Hanna Briffa nee' Andronchik et noe talbu kif isegwi:

'1. Illi r-rikorrenti Hanna Briffa twieldet ft-8 ta' Diċembru 1991 ġewwa Minsk, il-Belorussja u eventwalment ġiet reġistrata fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bl-isem Anna Sergeevna u dan kif jidher mill-estratt veru mill-Att tat-twelid tagħha miżmum fl-Uffiċju tar-Reġistru Pubbliku hawn anness u mmarkat bħala **Dok A**;

2. Illi fil-Belorussja hemm żewġ lingwi nazzjonali – dik Russa u dik Belarussa. Peress illi meta twieldet ir-rikorrenti il-Belarussja kienet għadha parti mill-Unjoni Sovjetika, tant li hi ġiet reġistrata f Leninsky, Minsk, **Byelorussian SSR** (ara att tat-twelid anness bħala **Dok. B** bit-traduzzjoni relattiva), fid-dokumenti uffiċjali, inkluż iċ-ċertifikati tat-twelid, kienu għadhom jużaw il-lingwa Russa biss u għaldaqstant ġiet reġistrata bħala "Anna", liema isem huma magħruf bħala "Hanna" bil-lingwa Belarussa; Infatti, anki fil-passaport tagħha tal-Belarussja, li ħareġ bil-lingwa Belorussa wara li l-pajjiż sar Repubblika, hija indikata bħala "Hanna" (ara **Dok. C**);

3. Illi minn mindu ġiet tgħix Malta tlettax-il sena ilu, ir-rikorrenti dejjem ġiet imsejħa u magħrufa bħala Hanna, u dan kif jidher anki mill-Permess ta' Residenza tagħha maħruġ mill-awtoritajiet Maltin (ara dokument anness bħala **Dok D)**;

**4.** Illi anki l-familja tagħha dejjem użaw l-isem Hanna għaliha, u infatti anki meta r-rikorrenti iżżewġu fit-2 ta' Settembru 2015, isimha ġie reġistrata bħala Hanna u mhux Anna, u dana kif jirrizulta mill-estratt veru mill-Att taż-Żwieġ relattiv reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, hawn anness u mmarkat **Dok. E**;

5. Illi dippiù it-tieni isem indikat fl-att tat-twelid tagħha u f'uħud biss mid-dokumenti ġja fuq imsemmija "Sergeevna" kien biss isem ieħor mogħti lilha u qatt ma kien maħsub li jkun parti mill-isem uffiċjali tagħha u ċertament ma kellux jiġi indikat fuq l-Att tat-Twelid tagħha bħala isem li bih għandha tissejjaħ, tant li dan l-isem qatt ma jintuża. Infatti kif ġja ingħad hija dejjem kienet u għadha magħrufa biss bħala Hanna kif fuq spjegat. Apparti minn hekk, dan it-tieni isem qiegħed joħloq problemi lir-rikorrenti kemm ta' pronunċja kif ukoll ta' ortografija. Biżżejjed wieħed iħares lejn l-Att ta' Żwieġ fuq imsemmi fejn dan it-tieni isem huwa imniżżel bħala 'Sergeyevna';

**6.** Illi anki meta twieldu l-ewwel żewġ uliedha Elia Briffa u Mira Briffa fid-19 ta' Awissu 2015, u fil-11 ta' Mejju 2017 rispettivament, ir-rikorrenti ġiet indikata bħala "Hanna Briffa" fl-Atti tat-Twelid tagħhom u dana kif jirrizulta mill-estratti veru mill-Atti tat-twelid relattivi reġistrati fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, hawn annessi u mmarkati bħala **Dok. F u G;**

7. Kien biss meta ħadet iċ-ċittadinanza Maltija fil-bidu tas-sena 2021 li isem ir-rikorrenti ġie reġistrat bħala Anna Sergeevna Andronchik (ara wkoll Ċertifikat ta' Ċittadinanza Maltija anness bħala **Dok. H**) u konsegwentement, kemm fil-Karta tal-Identità reċenti tar-rikorrenti li ħarġet fit-13 ta' Mejju 2021 (**Dok. I**) u l-passaport Malti tagħha (**Dok. J**) kif ukoll fl-Att tat-Twlied tat-tielet tifel tagħha Finn Briffa li twieled fis-7 ta' Lulju 2021 hija ġiet indikata bħala Anna Sergeevna (**Dok K**);

8. Illi r-rikorrenti għalhekk tinsab f'sitwazzjoni anomala fejn għandha dokumenti uffiċjali kemm minn pajjiż twelidha kif ukoll minn Malta fejn isimha huwa indikat bħala "Hanna", u oħrajn b'isimha "Anna Sergeevna". B'mod partikolari, isimha fiż-żewġ passaport tagħha huwa differenti;

9. Illi r-rikorrenti tixtieq li, għar-raġunijiet premessi, isimha jiġi reġistrat bħala "Hanna", li huwa l-isem korrett bil-lingwa ta'

pajjiż twelidha, kif ukoll l-uniku isem li bih hija magħrufa, minflok "Anna Sergeevna" fuq l-Att ta' Twelid tagħha, u fi kwalunwe Att u dokument uffiċjali ieħor fejn hija indikata bħala "Anna Sergeevna", u li dan it-tibdil jiġi rifless fuq kull att ta' stat ċivili fuq imsemmi;

10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni oħra xierqa u opportuna, jgħid l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-isem "Hanna" u mhux "Anna Sergeevna", huwa l-isem li bih ir-rikorrenti kienet u għadha konsistentement rikonkoxxuta;

2. Tordna li ssir il-korrezzjoni meħtiega fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Anna Sergeevna Andronchik bir-reġistrazzjoni numru 1774/2021, fis-sens illi fejn jidher l-isem "Anna Sergeevna" u ċioe' fil-kolonna intestata "Ismijiet mogħtija" u/jew fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", dan jitħassar u minfloku jitniżżel "Hanna";

3. Tordna li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-Att ta' Żwieġ tar-rikorrenti bir-reġistrazzjoni numru 2646/2015 fis-sens illi fejn jidher l-isem "Hanna Sergeyevna" fil-kolonna "Tagħrif dwar il-mara miżżewġa" dan jitħassar u minfloku jitniżżel "Hanna";

4. Tordna li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-Att tat-Twelid ta' iben ir-rikorrenti Finn Briffa bir-reġistrazzjoni numru 3592/2021 fis-sens illi fejn jidher l-isem "Anna Sergeevna Briffa at birth Andronchik" u ċioe' fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom" maġenb l-intestatura "Il-ġenitur (2)", il-kliem "Anna Sergeevna" jitħassar u minfloku jitniżżel "Hanna";

5. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet meħtiega fid-dokumenti pubblici kollha tar-rikorrenti Anna Sergeevna sive Hanna Briffa fis-sens li kull fejn jidher l-isem "Anna Sergeevna" jitħassar u minfloku jitnizzel "Hanna".

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, li huwa minn issa nġunt biex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-

Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat. Minn dak li jirriżulta mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tal-esponent:

    a. Skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **<u>1774/2021</u>** (*Dok. A tar-rikors promotur*), ir-rikorrenti twieldet bl-isem 'Anna Sergeevna' u bil-kunjom 'Andronchik' ġewwa Minsk, Belorussja nhar it- 8 ta' Diċembru 1991. Tali Att tat-Twelid esteru ġie registrat ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) b'dan illi l-esponent irreplika l-partikolaritajiet hemm indikati kif tradotti għal-lingwa Ingliża *ad verbatim* fuq l-Att tat-Twelid Malti. Tali dettalji kif effettivament jidhru fuq l-Att tat-Twelid Malti fuq imsemmi ġew konfermati kemm fuq il-formula tat-talba għar-reġistrazzjoni tat-twelid kif ukoll fuq il-konferma bil-miktub taċ-cittadinanza Maltija tar-rikorrenti. Għal kull buon fini, vera kopja tad-dokumenti annessi u mmarkati **<u>Dok. DRP 1</u>**. Għalhekk żgur li ma sar ebda żball min-naħa tad-DRP meta gie registrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni;

b. Illi iżda fl-Att taż-Żwieġ bin-numru **2646/2015** *(Dok. E mar-rikors promotur)*, liema Att taż-Żwieġ ġie reġistrat qabel l-Att tat-Twelid fuq imsemmi, id-dettalji indikati mir-rikorrenti kienu differenti u ċioe isem l-attrici ġie ndikat bhala **'Hanna Sergeyevna'** u mhux bħala **'Anna Sergeevna'** kif indikat fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 1774/2021. Tali Att taż-Żwieġ ġie registrat b'tali isem stante li mal-applikazzjoni għall-pubblikazzjoni tat-tnidjiet taz-zwieg, l-attrici kienet provdiet traduzzjoni differenti taċ-ċertifikat tat-twelid għal-lingwa Ingliza fejn isimha kien gie ndikat bhala 'Hanna Sergeyevna'. Fuq id-dokumenti ufficjali provduti minnha mal-istess applikazzjoni, isimha kien gie ndikat bhala 'Hanna' biss, kopja tat-tali dokumentazzjoni annessa u mmarkata **Dok. DRP 2;**

c. Sussegwentamet, fuq l-Att tat Twelid ta' binha 'Elia' bin-numru **4893/2015** *(Dok. F mar-rikors promotur)* kif ukoll fuq l-Att tat-Twelid ta' bintha 'Mira' bin-numru **3079/2017** *(Dok. G mar-rikors promotur)*, liema ulied twieldu Malta, isem l-attriċi bħala l-omm ġie ndikat bhala 'Hanna'. Fl-Att tat-Twelid 4893/2015 l-isem 'Hanna' bħala l-omm tat-tarbija ġie konfermat mill-missier meta għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid kif ukoll mill-permess tar-residenza tal-omm. Fl-Att tat-Twelid bin-numru 3079/2017, isem l-attrici 'Hanna' bħala l-omm tat-tarbija ġie konfermat minnha stess kif ukoll mill-

passaport Belorussjan tagħha. Kopja tat-tali dokumentazzjoni annessa u mmarkata **Dok. DRP 3**. Għalhekk lanqas hawn ma jidher li sar xi zball mid-DRP;

d. Madanakollu, fuq l-Att tat-Twelid tat-tielet wild 'Finn' bin-numru **3592/2021** *(Dok. K mar-rikors promotur)* isem ir-rikorrenti ġie ndikat bħala 'Anna Sergeevna' skont l-Att tat-Twelid u l-karta tal-identita' Maltija tagħha. Kopja tat-tali dokumentazzjoni annessa u mmarkata **Dok. DRP 4;**

4. Illi r-rikorrent qegħda tisħaq illi din id-diskrepanza hija frott tal-fatt illi bir-Russu, l-isem jiġi tradott għall-Ingliż bħala 'Anna' filwaqt illi mill-Belorussjan jiġi tradott għal- 'Hanna'. Hija tisħaq illi l-isem 'Hanna' huwa l-isem li l-attriċi hija magħrufa bih kif jixdhu diversi dokumenti. Di piu', l-atturi jishqu illi l-isem patronimiku u cioe' t-tieni isem 'Sergeevna' qatt ma ntuża minnha bħala isem u hija dejjem ġiet imsejħa bħala 'Hanna' biss;

5. Illi b'mod specifiku għal-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba' talba, l-esponent jirrimetti ruhu salv illi l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfacenti f'għajnejn il-ligi u salv illi l-Qorti tkun sodisfatta illi l-attriċi dejjem kienet u għadha konsistentement magħrufa bl-isem 'Hanna' biss;

6. Illi l-esponent joġġezzjona għall-ħames talba kif dedotta stante illi l-korrezzjonijiet mill-esponent jistgħu jsiru biss fuq Atti ta' Stat Ċivili (u mhux Atti Pubbliċi) fil-poteri tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Għal kull buon fini, għandu jingħad illi fit-talba għal korrezzjoni, r-rikorrenti għandu jindika n-numru progressiv tal-Att li jkun qiegħed jitlob korrezzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;**

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 23 tal-proċess, b'dana illi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors ġuramentat tar-rikorrenti illi minnha huwa evidenzjat illi effettivament ir-rikorrenti jisimha Hanna u li l-isem Sergeevna ma huwiex parti mill-ewwel isem tagħha. Rat ukoll bosta affidavits esebiti llum stess tal-istess rikorrenti kif ukoll ta' persuni konoxxenti tagħha li lkoll ikkonfermaw li hija jisimha Hanna.

Illi għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ghar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkonsistenti ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-isem "Hanna" u mhux "Anna Sergeevna", huwa l-isem li bih ir-rikorrenti kienet u għadha konsistentement rikonoxxuta;

3. Tilqa' it-tieni talba u tordna li ssir il-korrezzjoni meħtiega fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Anna Sergeevna Andronchik bir-reġistrazzjoni numru 1774/2021, fis-sens illi fejn jidher l-isem

"Anna Sergeevna" u ċioe' fil-kolonna intestata "Ismijiet mogħtija" u/jew fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", dan jitħassar u minfloku jitniżżel "Hanna";

4. Tilqa' it-tielet talba u tordna li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-Att ta' Żwieġ tar-rikorrenti bir-reġistrazzjoni numru 2646/2015 fis-sens illi fejn jidher l-isem "Hanna Sergeyevna" fil-kolonna "Tagħrif dwar il-mara miżżewġa" dan jitħassar u minfloku jitniżżel "Hanna";

5. Tilqa' ir-raba' talba u tordna li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-Att tat-Twelid ta' iben ir-rikorrenti Finn Briffa bir-reġistrazzjoni numru 3592/2021 fis-sens illi fejn jidher l-isem "Anna Sergeevna Briffa at birth Andronchik" u ċioe' fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom" maġenb l-intestatura "Il-ġenitur (2)", il-kliem "Anna Sergeevna" jitħassar u minfloku jitniżżel "Hanna";

6. Tilqa' il-ħames talba iżda limitatament għall-atti fil-ptter tad-Direttur intimat;

7. Fic-cirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Tordna notifika ta' din id-deċizjoni lid-Direttur intimat kif titlob il-liġi.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta' Ottubru 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**11 ta' Ottubru 2023**